Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 13 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**Versus**

**Carmelo Bianco**
**(44368M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Carmelo Bianco,** detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 44368M.

Nakkużawh talli nhar il-15 ta' Jannar 2021 u fix-xhur ta' qabel gewwa Triq Santa Marija, Birkirkara, u f'dawn il-gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi anka jekk saru fi granet u hinijiet diversi, f'dawn il-gzejjer Maltin;

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' PC 1088 J. Bouzguenda, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil- hsieb li jbezza' jewli jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 1088 J. Bouzguenda ufficjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal waqt il- qadi ta' dmirijietu;

3. Bhala sid tal-vetturi ta' ghamla Ford (bin-numru ta' registrazzjoni FGII NVD), Renault (bin-numru ta' registrazzjoni HV63 KGJ), Volkswagen (minghajr pjanci), Chevrolet (minghajr pjanci) Chevrolet (minghajr pjanci), Rover (bin-numru ta' registrazzjoni S003 YEY), Nissan (bin-numru ta' registrazzjoni PK09 KWG) naqas li jara li jkollha dejjem u f' kull zmien il-licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' gaht-Trasport f' Malta;

4. Bhala sid tal-vetturi ta' ghamla Ford (bin-numru ta' registrazzjoni FGII NVD), Renault (bin-numru ta' registrazzjoni HV63 KGJ), Volkswagen (minghajr pjanci), Chevrolet (minghajr pjanci) Chevrolet (minghajr pjanci), Rover (bin-numru ta' registrazzjoni S003 YEY), Nissan (bin-numru ta' registrazzjoni PK09 KWG) naqas li jwahhal id-diska tal-licenzja man-naha tax-xellug tal-windscreen b'mod li tkun tidher minn quddiem;

5. Halla l-vetturi ta' ghamla Ford (bin-numru ta' registrazzjoni FGII NVD), Renault (bin-numru ta' registrazzjoni HV63 KGJ), Volkswagen (minghajr pjanci), Chevrolet (minghajr pjanci) Chevrolet (minghajr pjanci), Rover (bin-numru ta' registrazzjoni S003 YEY), Nissan (bin-numru ta' registrazzjoni PK09 KWG) kontra xi regolament tal-ipparkjar jew f'qaghda jew f'cirkustanzi b'tali mod li aktarx setghet kienet ta' periklu jew ta' xkiel ghal nies ohra li kienu qed jaghmlu uzu mit-triq;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, licenzja, permess jew awtorita', ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta' l-iSpettur Clayton Camilleri u ta' l-imputat Carmelo Bianco.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati u ghalhekk qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat